MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru 300/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Galea/ D. Theuma)**

**vs**

**Jamie Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata Jamie Cauchi bin u Joseph u Maria nee' Faure` residenti 504, Busietta Gardens, Madliena, u minghajr numru tal-karta ta' l-identita', akkuzata talli:

1. fil-15 ta' Marzu, 2001, f'Busietta Gardens Madliena, volontarjament hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe vettura DBC 693 liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50), izda ma teccedix il-hames mitt lira (Lm500), u ghad-detriment ta' Paul Caruana,

2. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied,

3. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamlet lil Paul Caruana ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurjat b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni,

4. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi qalet kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti kienet mitluba biex meta jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuza fl-udjenza ta' llum;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena u lill-Avukat Matthew Brincat ghal parti dannegjata kif verbalizzat;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni ta' l-imputata tirrizulta wahda volontarja u inkondizzjonata dwar liema ippersistiet anke meta inghatat zmien biex tahsibha;

Rat l-Artikolu 325 u 338(dd), 339(c), 324 tal-Kap.9 u tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien tlett xhur mill-llum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------